# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru: 992/09MH**

**Illum 18 ta' Marzu, 2016**

**Midi plc (C 15836)**

**vs**

**Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; u l-Onorevoli Prim'Ministru ghan-nom u in rapprezentanza tal-Gvern ta' Malta li b'digriet tal-24 ta' Frar, 2010 sostitwit mill-Kummissarju tal-Artijiet ghan-nom u in rapprezentanza tal-Gvern ta' Malta**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment dwar talba li tressqet mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex din il-Qorti kif preseduta tisma' direttament hi bhala *the deciding judge*, ix-xhieda li diga' nstemghet f'din il-*kawza viva voce*, fil-Qorti u bil-miftuh.

## I. Preliminari

Permezz ta' rikors datat 2 ta' Novembru 2015 <u>l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar</u> ippremettiet:

*"Illi din hi kawza fejn il-konsorzju rikorrent qed jitlob illi l-Awtorita` esponenti u l-konvenut l-iehor, il-Kummissarju tal-Artijiet f'isem il-Gvern ta' Malta, jigu dikjarati jew min minnhom hatja li lledew id-drittijiet tar-rikorrenti naxxenti minn dak li r-rikorrent isejjahlu "permess ta' zvilupp"; li l-intimat l-iehor jigi dikjarat responsabbli li kiser il-kundizzjonijiet ta' kuntratt ta' enfitewsi ffirmat bejn il-konsorzju rikorrent u l-intimat Kummissarju tal-Artijiet f'isem il-Gvern ta' Malta; li z-zewg intimati jigu dikjarati responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mir-rikorrent, li qed tintalab il-likwidazzjoni taghhom; u li l-intimati jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu d-danni hekk likwidati.*

*Illi din hi kawza li l-atti processwali taghha jlahhqu diversi volumi; hi kawza kumplikata ferm, kemm minn aspett ta' dritt, kif ukoll minn aspett ta' fatt ghaliex tirrisali ghal dak li sehh snin twal ilu, u hemm verzjonijiet li jvarjaw ghar-rigward uhud mill-aspetti ewlenin tal-kawza. Hi kawza illi parti mid-determinazzjoni taghha ser tirrivolvi dwar l-apprezzament tax-xhieda u l-fatti minnhom esposti; tal-kredibilita` li l-Qorti ser taghti lix-xhieda principali, u min qed jghid is-sewwa u min le minnhom. Id-determinazzjoni ta' uhud mill-punti ta' dritt ser tkun ukoll konsegwenti ghall-konkluzjoni li ser tasal ghaliha l-Qorti dwar il-punti ta' fatt, li dwar uhud minnhom hemm kontestazzjoni qawwija bejn il-kontendenti. Hi kawza fejn il-quantum mitlub mir-rikorrenti hu ta' madwar seba (7) miljun Ewro[1], jigifieri hi kawza ta' portata mhux zghira.*

*Illi din il-kawza issa giet assenjata lil Gudikant li ser tibda tisma', ghall-ewwel darba, din il-kawza fejn il-konsorzju rikorrent ghalaq il-provi tieghu (limitatament ghat-talbiet u l-eccezzjonijiet li qed jigu trattati fil-mument), u l-kawza qeda fl-istadju tal-provi tal-Awtorita` esponenti. Il-konvenut l-iehor ghadu ma bediex bil-provi tieghu.*

*Illi minbarra d-diffikulta` li din l-Onorabbli Qorti ser tirrinfaccja biex tkun tista' tiddeciedi l-kawza, b'volumi kbar ta' atti quddiemha bl-izvantagg li ma semghetx ix-xhieda, jirrizulta illi skont il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, jekk din l-Onorabbli Qorti kif issa presjeduta ma tismax ix-xhieda <u>hi</u> bhala d-deciding judge, ser ikun hemm ksur tal-ligi procedurali.*

*Jirrizulta wkoll illi ghalkemm il-volum ta' atti hu kbir, in-numru ta' xhieda li ddeponew in ezami jew kontro-ezami viva voce hu zghir, u dawn ix-xhieda jistghu jergghu jinstemghu minghajr ma jkun hemm wisq dewmien fil-proceduri; u f'kull kaz hu indubitat li l-ftit dewmien li jista' jigi kagunat ikun*

[1] ara n-nota fejn il-konsorzju rikorrent illikwida d-danni minnu pretizi

*ta' pregudizzju ferm u ferm anqas ikkumparat mal-pregudizzju kagunat bil-fatt li x-xhieda ma jkunux iddeponew viva voce quddiem id-deciding judge.*

*F'dan ir-rigward, issir riferenza ghall-artikolu 577 (1) tal-Kap 12 li jipprovdi li "Ħlief meta dan il-Kodiċi jiddisponi xort'oħra, l-eżami tax-xhieda fis-smigħ tal-kawżi għandu jsir fil-qorti bil-miftuħ u viva voce." Il-korollarju ovvju, logika u naturali ta' din id-disposizzjoni tal-ligi hi li biex il-vot tal-ligi jigi sodisfatt, ix-xhieda viva voce trid tinstema' quddiem, u tigi apprezzata minn, dak il-Gudikant li ser jiddeciedi dwar il-valur ta' dik ix-xhieda fil-kuntest tal-azzjoni attrici u l-eccezzjonijiet sollevati.*

*L-eccezzjoni ghal din ir-regola hi li xhieda mressqa permezz ta' affidavit hi ammissibbli - f'dan il-kaz il-vot tal-ligi jigi sodisfatt billi hu moghti lill-parti l-ohra l-jedd tal-kontro-ezami, li jrid jigi kondott skont l-art. 577 (1) tal-Kap 12 jigifieri fil-Qorti bil-miftuh u viva voce.*

*Illi tezisti disposizzjoni analoga fil-Kodici Kriminali u cioe` l-artikolu 646 (1) tal-Kapitolu 9. Il-gurisprudenza dwar din id-disposizzjoni tal-ligi hi cara. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tad-9 ta' Settembru 1999, Il-Pulizija vs Joseph Bartolo, per Onor Imhallef Vincent Degaetano, inghad hekk :*

*"Il-Qorti tal-Magistrati <u>bhala qorti ta' prim istanza</u> kienet obbligata li tisma' "fil-qorti u viva voce" (Art. 646 (1) tal-Kap 9) ix-xhieda mressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza. Dan isir sabiex il-gudikant - f'dan il-kaz il-magistrat <u>li jippronunzja s-sentenza</u> - jaghmel il-valutazzjoni tieghu tal-provi skond l-Artikoli 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali, u billi japplika l-ligi ghall-fatti kif jirrisultawlu, jiddeciedi dwar il-htija o meno tal-imputat. Wiehed mill-kriterji l-aktar importanti sabiex il-gudikant jasal ghall-konkluzzjoni tieghu dwar x'jemmen jew x'ma jemminx minn dak li jghid xhud hu dak ta' "l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud" (Art. 637) minn fuq il-pedana tax-xhieda. Biex dan il-kriterju jkun jista' jigi applikat hu evidenti li l-magistrat ghandu jisma' b'widnejh u jara b'ghajnejh lix-xhud jiddeponi. Naturalment il-ligi tipprovdi wkoll ghal certu eccezzjonijiet fejn il-gudikant, anke fil-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim istanza, jista' joqghod fuq id-deposizzjonijiet migjuba bil-miktub, bhal, per ezempju, fil-kaz ta' certifikati ta' tobba akkumpanjati minn affidavit (Art. 646 (7). Pero' r-regola hi li l-gudikant tal-prim istanza <u>ghandu jisma' hu ix-xhieda biex ikun verament f'posizzjoni li jaghti gudizzju skond il-ligi</u>....*
*Fil-kaz in dizamina, il-magistrat li ppronunzja s-sentenza <u>ma sema' xejn mill-provi</u>, izda qaghad esklussivament fuq dak li nstema' minn magistrat iehor u gie traskritt. F'dan il-kaz ma kienx hemm il-problema li xi xhieda lehqu mietu jew hallew Malta jew ma setghux jinsabu.....Fil-kaz in dizamina in-nuqqas tal-magistrat li ppronunzja s-sentenza milli jisma' l-provi viva voce jistultifika*

***r-rwol ta' din il-Qorti (cioe` tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali" bhala qorti ta' revizjoni: meta f'dan il-kaz kollox jiddependi fuq kwistjoni ta' kredibbilita`, u specjalment fuq il-kredibbilita' tal-istess imputat, din il-Qorti ma tistax tirrevedi l-operat tal-ewwel qorti biex tara jekk l-apprezzament maghmul minn dik il-qorti kienx wiehed ragjonevoli meta taf li l-gudikant fil-prim istanza qaghad biss fuq dak li kellu quddiemu u li sema' minn haddiehor!"***

***Illi bl-ghoti tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-1 ta' Novembru, 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Ludgardo sive Richard Attard, per Onor Imhallef Lawrence Quintano, wiehed jista' facilment jasal ghall-opinjoni jew konkluzjoni erroneja li l-insenjament riportat fis-sentenza appena citata gie mibdul, pero` analizi ta' din is-sentenza turi li fil-fatt dan mhux hekk f'kull cirkostanza, anzi z-zewg sentenzi jikkumplimentaw lil xulxin. Il-motivazzjoni fil-kawza ta' Richard Attard hi identika ghal dik il-motivazzjoni li l-Awtorita` rikorrenti qed isejjes dan ir-rikors taghha. F'din l-ahhar sentenza, li ghamlet ukoll riferenza ghas-sentenza ta' Joseph Bartolo, gie deciz hekk :***

***"Fil-fehma tal-Qorti, meta nbidel il-ġudikant kien hemm kumpilazzjoni tax-xhieda u tad-dokumenti kollha li fuqhom il-ġudikant li ta s-sentenza seta' jagħmel dan bis-serenita` kollha. Hemm dettalji siewja ta' meta l-Qorti u l-Prosekuzzjoni intervenew sabiex jikkontrollaw xhieda li dehru li ma kinux qed ikun sinċieri biżżejjed. Ix-xhieda kienet irreġistrata direttament fir-recorder u għalhekk lanqas hemm xi dubju dwar xi interferenza li setgħet saret li kieku l-Maġistrat kienet qed tagħmel xi sommarju ta' dak li jkun qal ix-xhud. Barra dan, f'dan il-każ, għandna ammissjoni mill-imputat. Fir-rikors promotorju tal-appell lanqas hemm biss referenza għal din l-ammissjoni. L-imputat seta', jekk xtaq talab lill-Qorti terġa' tisma' xi xhud partikolari iżda dan m'għamlux. U kien hemm żmien biex dan isir jekk wieħed iqis li hwua ammetta l-imputazzjonijiet kollha fis-16 ta' Ġunju 2010 u s-sentenza ngħatat fis-6 ta' Lulju 2012 – jiġifieri laħqu għaddew sena u tliet ġimgħat minn wara l-ammissjoni. Sat -13 ta' Frar 2012, kienet għadha tippresiedi l-istess Maġistrat u bejn dak id-differiment u s-6 ta'Lulju, 2012 ma sar ebda rikors għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza minħabba l-bidla fil-Maġistrat. Għalhekk l-appellant kien akkwijexxa mal-istat tal-proċess kif kien. Huwa kien preżenti għat-trattazzjoni, kien jaf sew x'intqal u x'kienet qed titlob il-prosekuzzjoni. Il-Qorti qed tagħmel differenza bejn bdil fil-Maġistrat f'kawżi fejn (i) ma jkunux qed jiġu rreġistrati x-xhieda u hemm kwistjoni amministrattiva biss, (ii) bdil f'kawżi fejn x-xhieda ma tkunx qed tiġi irreġistrata u hemm punti fattwali u (iii) kawżi fejn ix-xhieda tkun ġiet reġistrata kollha. Huwa f'kawżi li jaqgħu taħt it-tieni kategorija biss li l-Qorti laqgħet talba għat-taħsir tas-sentenza minħabba li l-Qorti ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha xhieda reġistrata ta' dak li jkunu ddiponew xhieda li nstemgħu minn maġistrat ieħor. Huwa tassew li l-appellant irrefera għal***

***ġurisprudenza dwar dan il-punt. Iżda ma jfissirx li l-ġurisprudenza tista' tibqa' ankrata fuq il-passat speċjalment meta llum hawn apparat li jista' jagħti x-xenarju ta' x'ġara waqt proċess b'mod mill-aktar ċar."***

***Illi fil-kawza odjerna jirrizulta li jezistu l-elementi kollha li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fil-kaz ta' Ludgardo sive Richard Attard, qalet li ghandhom iwasslu biex il-gudikant (id-deciding judge) jerga' jisma' x-xhieda direttament hu fil-Qorti bil-miftuh u viva voce jekk din tkun diga nstemghet minn gudikant iehor :***

***a. fix-xiehda traskritta fil-kawza odjerna, ma hemm ebda dettalji siewja ta' meta l-Qorti u l-partijiet intervenew sabiex jikkontrollaw xhieda li dehru li ma kinux qed ikun sinċieri biżżejjed (minkejja li fil-kaz odjern dawn l-episodji, bid-dovut rigward, ma kienux ftit). Dan billi x-xhieda ma kienetx irreġistrata direttament fir-recorder - għalhekk dak li qalet dik il-Qorti fis-sentenza appena citata li "lanqas hemm xi dubju dwar xi interferenza li setgħet saret li kieku l-Maġistrat kienet qed tagħmel xi sommarju ta' dak li jkun qal ix-xhud" ma hux hekk fil-kaz odjern, ghaliex naraw li fil-kaz odjern, sar biss sommarju tax-xhieda, kif kienet is-sistema li kienet tintuza mill-Qorti kif diversament presjeduta[2]. Issa ghalhekk hemm stat ta' fatt fejn il-gudikant ma jistax jistrieh fuq il-memorja tieghu dwar il-mod kif kien iddepona xhud partikolari propju ghax ma jkunx ra u sema lil dak ix-xhud jixhed, u d-domanda u r-risposta ghall-istess ma humiex traskritti.***

***b. l-Awtorita` qatt m'akkwijexxiet li x-xhieda ma jinstemghux viva voce quddiem id-deciding judge, anzi ghamlet it-talba taghha tempestivament fl-ewwel opportunita` li kellha.***
***c. din il-kawza taqa' fit-tieni kategorija ta' kawzi ndividwalizzata fis-sentenza ta' Ludgardo sive Richard Attard u cioe` "bdil f'kawżi fejn x-xhieda ma tkunx qed tiġi irreġistrata u hemm punti fattwali".***

***Illi l-Awtorita` hi wkoll tal-umili fehma li l-insistenza taghha ghall-jedd tal-partijiet ghal smiegh skont il-ligi ma jfissirx li hi tinsab ankrata ma' gurisprudenza tal-passat, ghalkemm f'kull kaz anke` l-gurisprudenza l-aktar ricenti u cioe` dik citata l-ahhar tikkonferma dan il-jedd taghha. Anzi hi tal-umili fehma li l-jedd ghal smiegh skont il-ligi ghandu, mal-moghdija taz-zmien, ikun wiehed li jwessa' l-jedd ta' smiegh, u mhux li jintroduci kuncetti li jissagrifikaw dan il-jedd tant importanti fuq l-altar tal-konvenjenza amministrattiva. U aktar minn hekk, hemm id-dritt tal-Gudikant li konformement mal-gurament tal-hatra tieghu li jaghmel bis-sewwa d-***

[2] f'din il-kawza u ohrajn

*dmirijiet ta' mhallef, ghandu l-jedd u l-obbligu li jkun jista' jevalwa u jisma' hu x-xhieda biex ikun jista' jaghti sentenza skont il-ligi.*

*Illi huwa minnu li s-sentenzi citati jirreferu ghal kawzi penali, biss pero` d-disposizzjoni rilevanti tal-ligi penali hi identika ghal dik li wiehed isib fil-Kap 12, u l-principji huma identici. Bl-istess mod li ghandu jkun hemm osservanza tal-ligi procedurali fil-forum penali, ghandu jkun hemm ukoll l-osservanza tal-ligi procedurali fil-forum civili, ghaliex dawn id-disposizzjonijiet huma ntizi biex jissalvagwardjaw il-jedd, komuni fiz-zewg fora, ta' smiegh tal-partijiet, li ksur tieghu jissarraf ukoll f'lezjoni tal-jedd aktar wiesgha ta' smiegh xieraq skont il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.*

*Illi lura ghall-kawza odjerna, tant kemm din il-Qorti diversament presjeduta hasset l-importanza tas-smiegh dirett tax-xhieda illi originarjament, il-kawza bdiet tinstema' quddiem Assistent Gudizzjarju, imma mbaghad il-Qorti hasset il-htiega li tisma' l-provi direttament hi.*

*Hekk ukoll din il-Qorti, li ghandha fuqha r-responsabilita` li taghti s-sentenza f'din il-kawza, hi prekluza milli tezercita l-jedd taghha skont l-artikolu 582 tal-Kap 12 li jghid illi "Il-qorti tista', f'kull waqt tal-eżami jew tal-kontro-eżami, tagħmel lix-xhud dawk il-mistoqsijiet li jidhrilha meħtieġa jew spedjenti"; u dan fir-rigward ta' dawk ix-xhieda kollha li diga ddeponew u l-kontro-ezami taghhom inghalaq ukoll.*

*Illi skont gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, li xhud jinstema' viva voce mill-gudikant li jrid jaghti s-sentenza hu element fundamentali tal-jedd ghal smiegh xieraq (fair trial) protett u sancit mill-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni. Dan b'mod sagrosant fi proceduri kemm penali kif ukoll civili, skont l-"immediacy principle", ossia the direct assessment of the evidence by the deciding judge bhala a matter that goes to the fairness of the procedure, inherent in the concept of "procès équitable" (case of Helmers vs Sweden, 29 October 1991).*

*Pero` l-Awtorita` ma hijiex qieghda, ghalissa, tissolleva l-lanjanza ta' lezjoni tal-jedd taghha ta' smiegh xieraq kif protett u sancit bil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, u dan billi ghandha l-obbligu li l-ewwel tezawrixxi r-rimedju ordinarju lilha spettanti.*

*Jigi rilevat ukoll illi c-cirkostanza fil-kaz odjern ma sehhitx minhabba xi cirkostanza eccezzjonali, bhal per ezempju l-mewt tal-Gudikant precedenti jew l-elevazzjoni tal-gudikant minn Magistrat ghal Imhallef, imma c-cirkostanza okkorriet unikament minhabba ri-organizzazzjoni amministrattiva, fejn l-Awtorita` esponenti umilment tissottometti li m'ghandiex tbati l-pregudizzju*

***konsegwenzjali hi. Anke` billi kull "pregudizzju" sollevat mill-kontro-parti fil-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2015 ossia d-dewmien jista' jigi sorvolat jew eliminat billi ma hemmx wisq xhieda x'jinstemghu, u fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ghandu jkun hemm sforz kollettiv biex dawn jinstemghu minghajr dewmien. L-Awtorita` minn issa twieghed il-ko-operazzjoni shiha taghha f'dan ir-rigward.***

***Ghaldaqstant l-Awtorita` rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti kif presjeduta joghgobha tisma' direttament hi bhala the deciding judge, ix-xhieda li diga nstemghet[3] f'din il-kawza viva voce, fil-Qorti u bil-miftuh[4], taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti."***

Il-konsorzju Midi plc oppona ghal din it-talba permezz ta' risposta ntavolata fid-9 ta' Novembru 2015 ghas-segwenti ragunijiet:

***"Illi t-talba tal-Awtorita` konvenuta hija infondati fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda għar-raġunijiet segwenti:***

***1. Kuntrarjament għal dak li qed tallega l-Awtorita` din il-kawża (a) ma hijiex essenzjalment differenti mill-ħafna kawżi li għandha quddiemha din il-Qorti u inoltre (b) id-determinazzjoni tagħha tinvolvi aktar kwistjonijiet ta' dritt milli ta' fatt. Dan partikolarment meta l-provi għadhom qiegħdin jinġabru b'mod ristrett għall-ewwel talba u għall-eċċezzjonijiet preliminari kif jirriżulta mill-verbal tal-10 ta' Novembru 2011.***

***2. Huwa inawdit li l-provi f'kawżi ċivili jew kummerċjali jerġgħu jinstemgħu għaliex l-Imħallef sedenti jitbiddel. Dan qatt ma sar la quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, la quddiem il-Qorti Kummerċjali (meta kienet għadha teżisti) u lanqas quddiem il-Qorti tal-Appell Ċivili jew Kummerċjali. Li kieku kellu jsir hekk, il-maġġor parti tal-kawżi ċivili ma jispiċċaw qatt. Per eżempju, jekk l-Imħallfa sedenti li issa qed tisma' din il-kawża jingħatawlha mansjonijiet oħra, skond it-teżi tal-Awtorita`, ix-xhieda iridu jerġgħu jinstemgħu mill-ġdid. L-istess japplika jekk il-partijiet jiddeċiedu li jappellaw.***

***3. It-talba tal-Awtoritá m'għandha ebda bażi legali: L-argument tal-Awtorita` konvenuta huwa mibni fuq il-premessa li l-prinċipji li huma applikabbli għal ġbir tal-provi fil-kamp kriminali huma l-istess bħal dawk fil-kamp ċivili, liema premessa hija totalment żbaljata għal diversi raġunijiet:***

[3] ezamijiet u kontro-ezamijiet
[4] fil-kaz tal-affidavits, il-kontro-ezami relattiv

*3.1. L-artikolu 645 tal-Kap. 9 jiddisponi liema huma dawk l-artikoli tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) li jirregolaw is-smigħ tax-xhieda li għandhom jgħoddu wkoll għall-qrati ta' ġustizzja kriminali. L-artikoli sussegwenti, mbagħad, inkluż l-artikolu 646 li fuqu qiegħda tistrih l-Awtorita`, huma dawk l-eċċezzjonijiet għar-rigward tas-smigħ tax-xhieda li japplikaw biss għall-kamp kriminali u mhux għal dak ċivili. Infatti, fil-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma hemm ebda disposizzjoni simili li tgħid li xi disposizzjonijiet fil-Kodiċi Kriminali jgħoddu għall-kamp ċivili.*

*3.2. L-analogija li tipprova tagħmel l-Awtorita` bejn l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 577 (1) tal-Kap 12 ma treġix. Huwa ben risaput li l-proċeduri li japplikaw għas-smigħ ta' kawżi kriminali huma aktar onerużi minn dawk li japplikaw għal kawżi ċivili. Dan jirriżulta ċar minn eżami tar-regoli applikabbli bħal per eżempju in-neċessita` tal-presenza tal-imputat f'kawżi kriminali u r-regola li ma jitressqux bħala prova dikjarazzjonijiet maħlufa ħlief f'każijiet eċċezzjonali. Infatti, il-mod kif jiġu applikati dawn l-artikoli huwa għal kollox differenti. Fl-applikazzjoni tal-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali provi permezz ta' dikjarazzjonijiet maħlufa jew xhieda bil-miktub huma permessi biss f'każijiet eċċezzjonali. Mentri dan m'huwiex il-kaz f'kawzi civili. L-artikolu 577 (1) tibda bil-kliem "ħlief meta dan il-Kodiċi jiddisponi xort'oħra". Il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-fatt jiddisponi mhux darba dwar ġbir ta' provi li ma jinstemgħux viva voce quddiem l-Imħallef, ikunx id-deciding judge jew le. Infatti jippremetti mhux biss il-prova permezz tal-proċedura tal-affidavit, iżda anki l-ġbir tal-provi minn periti legali u periti tekniċi, u minn assistenti ġudizjarji li ma jisimgħux biss l-eżamijiet tax-xhieda iżda anki l-kontro-eżamijiet. Dawn huma proċeduri ghal ġbir ta' provi li jintużaw il-ħin kollu kuntrarjament għal dak li jsir f'kawżi kriminali. Għalhekk m'hu veru xejn li dan l-artikolu hu analogu għall-artikolu 646 tal-Kap 9, kif tgħid l-Awtorita`.*

*4. Ma hemm ebda ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq*

*4.1. Għalkemm id-dritt għal smigħ xieraq japplika sew f'kawżi ċivili kif ukoll kriminali, huwa ben risaput li dan id-dritt japplika b' ħafna aktar flessibilita fil-proċeduri ċivili komparat ma dawk kriminali (ara "Harris, O'Boyle & Warbrick; Law of the European Convention on Human Rights" (3ed., 2014 para. 409). Dan jgħodd ukoll għal 'immediacy principle' imsemmi mill-Awtorita`. Infatti fil-kawza PITKÄNEN v. FINLAND (App. No. 30508/96 tad-9 ta' Marzu 2004) fejn "the presiding professional judge of the District Court … changed with every hearing", il-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem xorta waħda ma sabitx ksur tad-dritt għal smigħ xieraq. Hija qalet:*

***"The requirements inherent in the concept of "fair hearing" are not necessarily the same in cases concerning the determination of civil rights and obligations as they are in cases concerning the determination of a criminal charge."***

***4.2. B'referenza għall-kawża ikkwotata mill-Awtorita`' mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Helmers vs Sweden, din hija għal kollox irrilevanti għal każ in eżami, mhux biss għaliex kienet tirrigwarda proċeduri kriminali, iżda wkoll għaliex l-ilment ta' Helmers kien li l-Qorti ma kienet semgħet ebda xhieda qabel ma għaddiet għas-sentenza. Inoltre il-kwotazzjoni magħżula mill-Awtorita` ma ttieħdetx mill-korp tas-sentenza tal-istess Qorti, iżda minn Dissenting Opinion ta' wieħed mill-Imħallfin.***

***4.3. Bir-raġunament tal-Awtorita` dawk il-prattiċi tal-ġbir tal-prova imsemmija aktar-il fuq u li huma permessi mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili allura għandhom kollha jiġu aboliti għaliex imorru kontra d-dritt ta' smigħ xieraq tal-partijiet f'kawża. L-istess jista' jingħad għall-ħatriet li qiegħdin isiru fil-preżent ta' Court Attorneys bil-għan li jagħtu assistenza lill-gudikanti fil-kamp ċivili bl-abbozzar tas-sentenzi meta ma jkunu semgħu ebda xhud. Dippju' anki l-istituzzjoni tal-Qorti tal-Appell allura, li ma tisma' ebda xhieda qabel tagħti s-sentenza tagħha, hija anti kostituzzjonali u tmur kontra d-drittijeit tal-bniedem.***

***4.4. Id-dritt għal smigħ xieraq skond artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni fil-każ in eżami m'huwiex qed jiġi miċħud lill-partijiet għaliex apparti li l-partijiet ma ġew bl-ebda mod projbiti milli jressqu xi provi, il-Qorti għandha aċċess totali għat-traskrizzjonijiet ta' kull xhieda illi diġa ingħatat sallum.***

***5. Illi in vista tas-suespost jekk wieħed japplika dak li ntqal fis-sentenza tal-Appell kriminali citata mill-Awtorita` Il-Pulizija vs Ludgardo sive Richard Attard (App Krim 1 Novembru 2013), il-Qorti għandha tasal għal konkluzjoni li l-provi m'għandhomx jerġgħu jinstemgħu.***

***5.1. Il-Qorti kif kienet presjeduta, waqt is-smigħ tax-xhieda viva voce għarblet "id-dettalji siewja ta' meta l-Qorti u l-partijiet intervenew sabiex jikkontrollaw xhieda li dehru li ma kinux qed ikunu sinċieri biżżejjed u bħala istituzzjoni indipendenti mill-partijiet għamlet l-apprezzament tagħha dwar liema fatti kienu relevanti jew le, dwar min kien sinċier u min le u dwar dak li kien ser ikun importanti biex jasal għad-deċiżjoni finali tal-każ. Il-Qorti eżerċitat ukoll il-jedd tagħha taħt l-artikou 582 tal-Kap 12 ikkwotat mill-Awtorita` li tagħmel mistoqsijiet hi lix-xhud. Dak li l-Qorti niżżlet fit-traskrizzjoni huwa proprju frott ta' dan l-eżerċizzju u għalhekk altru milli dan***

***l-istat ser ifixkel lill-Imħallef sedenti milli tuża l-ġudizzju tagħha, anżi, għandha l-faċilita' li ser tieħu konjizzjoni ta' dak biss li hu relevanti għall-każ.***

***5.2. Jekk kien hemm xi haga li l-Awtorita` riedet tissolleva waqt il-ġbir tal-provi dan setgħet għamlithu permezz ta' verbal. Pero ma hemm ebda verbal f'dan is-sens. Aktar milli tħassib dwar ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, it-talba tal-Awtorita` fir-rikors turi biss nuqqas ta' fiduċja mhux mistħoqqa fil-kapaċita' tal-Imħallef preċedenti li kien qiegħed jisma' l-provi.***

***6. Ksur tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli***

***6.1. Skond l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll fl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, is-smigħ tal-kawża għandu jingħata fi żmien raġonevoli.***

***6.2. L-Awtorita` tipprova tagħti l-impressjoni li ix-xhieda viva voce li ddeponew sallum kienu ftit u li jistgħu jerġgħu jinstemgħu malajr. Jekk wieħed iħares biss lejn il-verbali, wieħed jara li waqt l-istadju tas-smiegħ ta' provi viva voce, xehedu tlettax-il xhud għaż-żewġ naħat li nstemgħu fuq medda ta' aktar minn tliet snin, b'uħud mix-xhieda jdumu jixhdu għal tlett seduti konsekuttivi u b'uħud mis-seduti jtulu għal anki aktar minn sagħtejn kull waħda.***

***6.3. Illi għalhekk, jekk dawn jergħu jinstemgħu viva voce, żgur li ser ikun hemm ksur lampanti tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli ai termini tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, dan meta l-kawża diġa' ilha għaddejja sitt snin.***

***7. Punti oħra***

***Il-kumpanija esponenti ma' taqbilx ma' diversi punti oħra mqajjma mill-Awtorita` fir-rikors tagħha u jidher ukoll li l-Awtorita` injorat xi punti oħra li huma ta' importanza:***

***a. L-Awtorita` fit-talba tagħha qiegħda tassumi li l-Imħallef sedenti ser ikun id-deciding judge, ħaġa li m'hijiex garantita.***

***b. F'każ li t-talba tal-Awtorita` tintlaqa' ser jinħoloq inkonvenjent kbir għax-xhieda kollha li jkollhom jerġgħu jidhru għal darb'oħra sabiex jagħtu l-istess xhieda, partikolarment dawk li llum lanqas biss għad għandhom ebda involviment mal-partijiet. Inoltre, ċertament li ser jitnaqqas mill-valur tal-***

***prova għaliex wara dawn is-snin kollha huwa diffiċli li x-xhieda ser jiftakkru ċerti dettalji. Inoltre, l-iskop tal-kontro-eżamijjiet ser jispiċċa fix-xejn għaliex ix-xhieda issa ser ikunu ippreparati għad-domandi li ser isirulhom u għandhom il-possibilta' li jikkoreġu jew ibiddlu dak li qalu l-ewwel darba.***

***c. M'hu veru xejn li din l-kawża bdiet tinstema' quddiem Assistent Ġudizzjarju u l-Qorti kif diversament presjeduta kompliet tisma' l-provi hi għax ħasset l-importanza tas-smigħ dirett tax-xhieda. L-Assistent Ġudizzjarju kien tqabbad biss fl-istadju ta' pre-trial qabel mal-kawża ġiet appuntata ai termini tal-artikolu 193(2) tal-Kap 12, b'inkarigu preċiż kif speċifikat fid-digriet tal-Qorti tal-5 ta' Jannar 2010, fejn hemm indikat ċarament u sottolineat li "<u>l-assistent ġudizzjarju ma' għandux jisma' x-xhieda iżda biss jirċievi mingħandhom id-dokumenti</u>". Infatti quddiemu ġew ippreżentati biss id-dokumenti u ġew determinati xi punti preliminari. L-Assistent Ġudizzjarju għalhekk qatt ma sema' xhieda.***

***d. Ta' min jgħid ukoll li l-Imħallef Ellul ukoll wiret diversi kawżi, uħud minnhom anki fi stadju avvanżat ħafna meta kienu għalqu l-provi, u ma reġax semgħa l-provi kollha.***

***e. L-esponenti ma tistax tifhem għalfejn l-Awtorita` tagħmel distinzjoni bejn dan il-każ in eżami u l-każijiet fejn jinbidel il-ġudikant minħabba li jmut jew jiġi elevat minn Maġistrat għal Imħallef, f'liema każi l-Awtorita` donnha qiegħda tgħid li ma kienetx tbatix l-istess preġudizzju li qiegħda tbati llum. Dan aktar u aktar meta hawnhekk għandna elevazzjoni ta' Imħallef għall-Qorti tal-Appell, li huwa analogu għall-eżempju imsemmi mill-Awtorita` dwar il-Maġistrat li jilqħaq Imħallef. Semmai, kien ikun aktar preġudizzjali l-każ fejn ġudikant imut, għaliex fil-każ in eżami, il-ġudikant preżenti għad għandha l-possibilita' li tiddiskuti ma, jew titlob xi kjarifika, lill-Imħallef preċedenti fuq xi punt mix-xhieda li dwaru jkollha xi dubju.***

***Illi għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-kumpanija rikorrenti hija tal-fehma illi dina l-Onorabbli Qorti m'għandiex terġa' tisma l-provi ġja mressqa mill-ġdid iżda għandha tkompli tisma' l-provi li għad iridu jsiru, b'dan illi jekk ikun il-każ l-Imħallef sedenti għandha ssejjaħ biss dawk ix-xhieda li jidhrilha li għandha bżonn tisma u/jew li mingħandhom għandha bżonn xi kjarifiki.***

***Għaldaqstant ir-rikors tal-Awtorita` konvenuta għadu jiġi miċħud".***

<u>Il-Kummissarju tal-Artijiet</u> ipprezenta r-risposta tieghu fit-8 ta' Jannar 2016 u qal hekk:

***"Illi dina r-Risposta qieghdha ssir in risposta ghar-rikors intavolat mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn talbet lil dina l-Onorabbli Qorti "kif presjeduta joghgobha tisma' direttament hi bhala the deciding judge, ix-xhieda li diga nstemghet f'din il-kawza viva voce, fil-Qorti u bil-miftuh".***

***Illi fl-ewwel lok, l-esponenti xtaq jirrileva li huwa qatt ma gie notifikat bir-rikors in risposta.***

***L-esponenti ghandu s-segwenti osservazzjonijiet x'jaghmel fuq it-talba tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar:***

***1. Illi r-regola generali hi li ezami ta' xhieda ghandu jsir viva voce quddiem il-qorti bil-miftuh u dan skont dak li jipprovdi l-artikolu 577 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). L-eccezzjoni ghal dan hija l-possibbilita' li jigu pprezentati affidavits u dank if jikkontempla l-istess Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;***

***2. Illi fil-kawza odjerna, fejn f'dan l-istadju qeghdin jigu trattati numru ta' eccezzjonijiet preliminari li nghataw mill-esponenti u mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, gew prezentati numru ta' affidavits kif ukoll gew mismugha ammont ta' xhieda viva voce quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta;***

***3. Illi certament il-fatt fih innifsu li jinbidel il-gudikant ma jiggustifikax talba ghall-smigh mill-gdid tax-xhieda purche' tali xhieda tkun giet traskritta fedelment u tkun ghad-disposizzjoni tal-gudikant li lilu tigi assenjata l-kawza u li jkun ser jiddeciedi tali kawza;***

***4. Illi ghalkemm l-Imhallef il-gdid li ser jiddeciedi l-kawza ma jkollux l-opportunita' li jisma' mill-gdid ix-xhieda li ngabet u li diga' nstemghet minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament komposta, b'daqshekk ma jfissirx li d-dritt fundamentali tas-smigh xieraq tal-partijiet gie jew ser jigi miksur;***

***5. Illi dak li jrid li necessarjament irid jittiehed qis huwa l-istadju li fihom ikunu waslu l-proceduri u dan sabiex jekk parti tkun trid tattakkata l-kredibilita' tax-xhieda tkun tista' taghmel dan fil-presenza tal-gudikant sabiex tipperswadi lill-gudikant li jkun ser jiddeciedi l-kawza mill-inattendibilita' tal-istess xhieda;***

***6. Illi fil-kawza odjerna, ghalkemm insibu t-traskrizzjoni tax-xhieda, tali traskrizzjoni mhijiex dik it-traskrizzjoni fidila fejn issib kull kellma li harget minn fomm ix-xhud imnizzla verbatim fl-atti tal-kawza izda nsibu dak li hija***

***s-sustanza tax-xhieda li giet dettata mill-Gudikant precedenti u traskritta. Illi l-Awtorita' qed targumenta li t-traskrizzjoni hija biss sommarju li sar minn Gudikant iehor u li ghalhekk dina l-Qorti kif issa tinsab presjeduta qatt ma kellha l-opportunita' li tisma' u li tistrieh fuq il-memorja taghha dwar il-mod kif xhud partikolari jkun iddepona ghaliex it-traskrizzjoni mhjiex traskrizzjoni kompluta izda biss sommarju. F'dan ir-rigward filwaqt li l-esponenti jirrileva li t-traskrizzjoni tikkontjeni s-sustanza tax-xhieda li ttellghu s'issa huwa minnu li minn sommarju jista' jirrizulta difficli li l-animu tax-xhud tohrog cara galadarba t-traskrizzjoni ma saritx b'mod dirett fuq ir-recorder b'mod dirett;***

***7. Illi l-esponenti purche li l-proceduri odjerni ma jitwalux ma ghandu l-ebda oggezzjoni li x-xhieda li diga' nstemghu jergu jinstemghu mill-gdid quddiem il-Qorti kif preseduta.***

***Tant ghandu x'jissottometti l-esponenti in risposta ghar-rikors tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar."***

## II. Kunsiderazzjonijiet

L-isfond tal-kawza odjerna huwa kuntratt li kien gie ffirmat fil-15 ta' Gunju, 2000 bejn il-Kummissarju tal-Artijiet ghan-nom tal-Gvern ta' Malta u l-konsorzju rikorrenti fejn l-istess konsorzju nghata koncessjoni b'titolu ta' enfitewsi temporanja, ghal disgha u disghin sena, ta' art *f'Manoel Island*, limiti tal-Gzira u fil-Ponta ta' Tigne', Tas-Sliema. Qamet kwistjoni in segwitu ghall-hrug ta' permess tal-izvilupp mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datat 15 t'Ottubru, 1999 u l-Konsorzju Midi plc ntavola dawn il-proceduri sabiex (i) l-intimati jew min minnhom jigu dikjarati responsabbli li vvjolaw id-drittijiet taghha naxxenti mill-permess tal-izvilupp tal-15 t'Ottubru 1999; (ii) l-intimat Kummissarju tal-Artijiet ghan-nom tal-Gvern jigi meqjus li kiser il-kuntratt t'enfitewsi msemmi; (iii) jigu likwidati d-danni sofferti u jsir il-hlas tal-istess mill-intimati.

L-intimati qeghdin jirribattu dawn l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-konsorzju rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Tressqu kemm eccezzjonijiet ta' natura preliminari u ohrajn fil-mertu.

Fis-sustanza tieghu r-rikors in dizamina tat-2 ta' Novembru 2015 imressaq mill-Awtorita` ntimata qieghed jitlob lil din il-Qorti kif preseduta li terga' tisma' *viva voce* x-xhieda kollha li diga nstemghu u dan il-ghaliex bhala d-*deciding judge* hija ma kellhiex l-opportunita` li tisma' direttament ix-xhieda li diga' xehdu. Fil-fehma tal-Awtorita` din it-talba hija gustifikata ghal numru ta'

ragunijiet indikati fl-istess rikors.

1. Il-Qorti taghmilha cara *in primis* li l-kawza odjerna hija wahda purament civili u ghalhekk ir-regoli ta' organizzazzjoni u procedura applikabbli ghaliha huma unikament dawk stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Il-fatt li hemm xi dispozizzjonijiet specifici minn dan il-Kodici li l-legislatur dehrlu li ghandhom jigu meqjusa applikabbli wkoll f'ligijiet ohra, fosthom il-Kodici Kriminali citat mill-Awtorita`, ma jaghti ebda lok ghal xi analogija fil-hsieb u fl-interpretazzjoni ta' dawn id-dispozizzjonijiet specifici lil hinn mill-kuntest tal-ligi partikolari li fiha jinsabu kif qeghda targumenta l-Awtorita`.

L-Awtorita` tipprova tislet analogija bejn l-interpretazzjoni tal-artikolu 646 (1) tal-Kodici Kriminali (Kap 9) li jghid:

*"Bla ħsara tad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u viva voce"*,

u l-artikolu 577 (1) tal-Kap 12 li jghid:

*"Ħlief meta dan il-Kodiċi jiddisponi xort'oħra, l-eżami tax-xhieda fis-smigħ tal-kawżi għandu jsir fil-qorti bil-miftuħ u viva voce."*

Izda l-Qorti tqis li anke minn qari superficjali ta' dawn iz-zewg dispozizzjonijiet id-differenza netta fl-applikazzjoni u l-interpretazzjoni taghhom hija evidenti. L-artikolu 646 (1) tal-Kap 9 jipprovdi li l-unici eccezzjonijiet ghar-regola tas-smigh tal-provi *viva voce* huma dawk stabbiliti <u>f'dak l-artikolu partikolari</u>. Ma hemm ebda konnessjoni bejn dak l-artikolu fil-Kap 9 u xi artikolu iehor f'xi ligi ohra, anke ghax fejn il-legislatur ried, huwa proprju ghaqqad dispozizzjonjiet partikolari mill-kamp tal-ligi civili ma' dawk tal-ligi kriminali kif ghamel proprju fl-artikolu 645 tal-Kap 9. L-artikolu 577 tal-Kap 12 m'huwhiex wiehed minnhom.

Fil-kamp civili *invece* r-regola generali tal-artikolu 577 (1) tal-Kap 12 mhijiex assoluta u tapplika bla pregudizzju ghal <u>dispozizzjonjiet ohra fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili</u>. Primarjament hemm il-procedura tal-affidavit li llum il-gurnata saret procedura mhaddma regolarment u b'mod frekwenti fil-kamp civili. Huwa minnu kif qed tghid l-Awtorita` li fil-kaz tal-affidavit ikun hemm l-opportunita` li jinstema' l-kontro-ezami *viva voce* izda dan mhux necessarjament u f'kull kaz jinstema' mill-Imhallef li jkollu l-kaz quddiemu peress li diversi drabi dan is-smiegh isir minn ufficjali ohrajn appuntati skont il-ligi bil-poter li jigbru x-xhieda kemm *viva voce* kif ukoll bil-mezz tal-affidavit, inkluz ghalhekk il-kontro-ezamijiet. Issir referenza ghas-

setghat moghtija lill-Assistenti Gudizzjarji a tenur tal-artikolu 97A tal-Kap 12, kif ukoll ghas-setghat moghtija lill-periti mqabbda mill-Qorti a tenur tal-artikolu 644 *et seq* tal-Kap 12.

Dawn il-prattici procedurali uzati spiss fil-kamp tac-civili izda huma biss l-eccezzjoni assoluta fil-kamp kriminali. Huwa evidenti ghalhekk li l-mod kif tithaddem il-procedura fic-civil, anke ghal dak li jolqot smigh ta’ provi, huwa ferm differenti minn dak fil-kriminal u l-Qrati taghna dejjem irrikonoxxew din id-distinzjoni:

**Nicole Mairangas vs HSBC Bank Malta plc**[5] deciza fil-31 ta’ Mejju 2006 -

*“l-isfera ta’ attivita` ordinarja tal-Qrati Civili u ghalhekk il-gurisdizzjoni ordinarja taghhom hija nettament distinta minn dik tal-Qrati Kriminali, u li dawk ma ghandhomx u ma jistghux jintromettu ruhhom fl-isfera ta’ attivita` ta’ dawn, hlief jekk u fejn talvolta espressament u specifikament awtorizzati minn xi ligi specjali biex jezercitaw xi funzjonijiet partikolari attribwiti lilhom u bil-proceduri hemm ammessi” (**Giuffrida vs De Gray** 11/2/1967 Prim’Awla).”*

**Emanuele Degiorgio *pro et noe* vs Twanny Moon et**[6] deciza fil-31 t’Ottubru 2007 –

*“l-azzjoni civili hija distinta u separata minn dik kriminali, u azzjoni wahda ma tiddependix minn ohra. Il-prosegwiment ta' kawza fi tribunal wiehed m’ghandux jiddependi minn x'jigri jew ma jigrix quddiem tribunal iehor li ghandu gurisdizzjoni u kompetenza separata u distinta.”*

Ghall-istess ragunijiet, il-kuncett tal-“*immediacy principle*” imsemmi mill-Awtorita` fir-rikors taghha u li huwa applikat b’mod ferm aktar rigoruz u oneruz fil-kamp tal-Kriminal ma jistax jigi adottat u applikat fuq l-istess binarju fil-kamp civili. Dan fil-fatt huwa principju zvillupat u applikat aktar fil-kamp kriminali in konessjoni mat-teorija ta’ *hearsay evidence.*

Inoltre u ghal kull buon fini, f’dan l-istadju jinghad biss illi huwa principju generali stabbilit anke quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-elementi ta’ smigh xieraq a tenur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-proceduri civili u dawk kriminali mhumiex necessarjament l-istess[7]. Din il-linja ta’ hsieb hija applikabbli wkoll ghall-

---

[5] Cit Nru 418/2004 deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili

[6] Nru 864/02 Qorti tal-Appell

[7] Ara **Peric v. Croatia** deciz fis-27 ta’ Marzu 2008 para.18; **Vanjak v. Croatia** deciz fl-14 ta’ Jannar 2010 para.45 Ghalkemm f’dan il-kaz kien instab ksur tal-artikolu 6, dan sehh ghal raguni ferm diversa mill-punt imqajjem fil-kaz odjern.

kuncett ta' smigh xieraq kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Minn dan kollu suespost il-Qorti tqis li l-argumenti li qeghda taghmel l-Awtorita' f'dan il-kuntest ma jregux. Ghalhekk anke l-gurisprudenza moghtija mill-Qrati b'gurisdizzjoni Kriminali li hija kwotat fir-rikors in dezamina hija totalment inapplikabbli u rrilevanti ghal kaz odjern u ma hemm ebda lok li din il-Qorti tghaddi kummenti ulterjuri dwarhom.

2. Stabbilit dan il-punt, il-Qorti sejra ddur biex tanalizza t-talba tal-Awtorita` intimata mill-lenti ta' dak li jiddisponi l-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Awtorita' tghid li *"skont il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, jekk din il-Qorti kif issa preseduta ma tismax ix-xhieda* <u>*hi*</u> *bhala d-deciding judge, ser ikun hemm ksur tal-ligi procedurali."*[8]

L-Awtorita` ma tindika ebda artikolu fil-Kap 12 li jghid proprju dan appena argumentat minnha. U bir-ragun ghax tali artikolu ma jezistix. Il-Kap 12 jitkellem dwar il-procedura generali li ghandha tithaddem mill-"Qorti" bhala gudikatura fl-interita` taghha u mhux *vis-à-vis* gudikant jew iehor b'mod individwali. L-ispirtu ghalhekk tal-artikolu 577 (1) irid jittiehed ukoll f'dan is-sens. L-interpretazzjoni restrittiva li qeghda tipprova taghti l-Awtorita` lil dan l-artikolu partikolari ma ssib ghalhekk ebda sostenn fil-ligi civili. Dan jghodd ukoll ghall-argument tal-Awtorita` li din il-Qorti kif preseduta ser tkun id-*deciding judge* tal-kaz. Ma tezisti ebda garanzija li gudikant li jibda jisma' kaz civili, mill-bidu jew fil-mori tieghu, necessarjament se jkun dak li finalment se jiddecidih. Dan mhux biss ghal ragunijiet naturali bhal mewt jew irtirar bl-eta` izda wkoll ghal ragunijiet amministrattivi ohra bhal assenjazzjoni ta' doveri godda. Dan jghodd partikolarment ghall-kaz odjern meta l-provi fil-kaz ghadhom limitati ghal xi eccezzjonijiet preliminari u certament fadal ammont ta' provi x'jitressqu.

Dak li sostanzjalment huwa mehtieg fil-kamp civili huwa li jigu rispettati d-dispozizzjonijiet tal-Kap 12 fl-isfond tal-principju tad-dritt ghal smigh xieraq u cioe` li, indipendentement minn min hu l-gudikant li ser jisma' l-kaz, il-Qorti tkun indipendenti u mparzjali, taghti lill-partijiet opportunitajiet ugwali ghat-tressiq tax-xhieda, ghall-kontro-ezami taghhom u li tiggarantixxi l-kontroll tax-xhieda f'kull hin.

Ezaminat l-inkartament tal-kaz odjern jirrizulta li sa issa tressqu xhieda kemm *viva voce* u kemm bl-affidavit. Ix-xhieda *viva voce* giet dejjem traskritta. Ir-*recording* ma kienx ta' dak li qal ix-xhud direttament izda l-metodu wzat kien li

[8] Pagna 2 tar-rikors tal-Awtorita' a fol 229

l-Imhallef li kien qieghed jisma' l-kaz iddetta huwa stess is-sustanza tat-twegibiet moghtija mix-xhud u dan skont l-artikolu 594 (1) tal-Kap 12. Il-Qorti tinnota wkoll li mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda hija wkoll ben decifrabbli s-sustanza tat-twegibiet moghtija in ezami u in dawk moghtija in kontro-ezami.

Il-Qorti tqis ukoll li l-partijiet fil-kawza kienu dejjem debitament assistiti waqt dawn is-seduti u ma jirrizultax li qatt giet registrata xi oggezzjoni minn xi parti ghal dan il-metodu tat-tehid tax-xhieda. Mill-atti lanqas ma jirrizulta li f'xi hin xi hadd mix-xhieda, il-partijiet jew id-difensuri taghhom irregistraw xi oggezzjoni ghal xi parti tax-xhieda kif dettata u registrata mill-Imhallef precedenti. Izda fejn kien il-kaz ta' xi inezattezza registrata, giet migbuda l-attenzjoni tal-Qorti, u l-korrezzjoni giet debitament maghmula u registrata. Per ezempju fit-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Benjamin Muscat waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju 2015[9] gie registrat hekk:

*"F'ittra datata 20 ta' Jannar 2009, min-naha tal-Permanent Secretary John Gatt qalilna li l-kwistjoni ma taqax fid-dekasteru tal-Ministru tal-Gustizzja....Nikkoregi dak li rregistrat il-Qorti, fis-sens li mhux il-Ministeru tal-Gustizzja imma Ministeru ta' Trasport, Infrastruttura u Komunikazzjoni.[10]"*

Il-Qorti tinnota wkoll ezempju iehor rizultanti mill-atti minn fejn jirrizulta li l-kontroll tax-xhieda ma kienx nieqes, tant li per ezempju fil-verbal tat-13 ta' Marzu 2015, waqt ix-xhieda tal-Profs. Alex Torpiano, id-difensur tal-Awtorita` talab lix-xhud sabiex jaghti l-fehma professjonali tieghu dwar aspett partikolari. Id-difensur tal-konsorzju rikorrenti oggezzjona ghal dan u l-Qorti laqghet din l-oggezzjoni. Ghalhekk anke dan l-aspett gie debitament applikat u ezercitat kemm mill-partijiet u anke mill-Qorti diversament presjeduta.

Maghmulin dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti kif issa presjeduta tkompli tafferma l-fehma taghha li ghalkemm hija ma semghetx direttament ix-xhieda li tressqu sa issa *viva voce*, ghandha xorta l-komfort, anke ghax ma giex pruvat mod iehor mill-partijiet, li dak li gie dettat u registrat sa issa fix-xhieda *viva voce* fil-kawza odjerna jirrifletti fedelment is-sustanza u l-punti kollha saljenti u rilevanti ta' dak li ntqal mix-xhieda fuq mistoqsijiet tad-difensuri tal-partijiet jew tal-Qorti u dan minghajr ma gew pregudikati d-drittijiet tal-partijiet fil-kontroll tax-xhieda.

In vista ta' dan huwa meqjus ukoll li l-Qorti, anke jekk diversament presjeduta, ezercitat ukoll il-poter taghha li waqt l-ezami jew il-kontro-ezami tax-xhieda ghamlet kwalunke domanda li setghet dehritilha opportuna fic-cirkstanzi. Il-fatt li forsi l-ezercizzju ta' dan id-dritt a tenur tal-artikolu 582 tal-Kap 12, ghal dak

[9] A fol 222 et seq
[10] Fol 224

li jolqot ix-xhieda li diga' ddeponew, ma huwhiex ser jigi ezercitat direttament mill-Qorti kif presjeduta ma huwa ta' ebda zvantagg ghall-Imhallef sedenti stante li kif diga' ntqal hija ghandha l-komfort li in atti hemm migbura s-sustanza u l-provi kollha mehtiega sa issa biex eventwalment tkun tista' tittiehed decizjoni dwar l-eccezzjonijiet u l-mertu mill-Qorti irrispettivament minn min ikun il-gudikant.

Il-Qorti tinnota ulterjorment li t-talba tal-Awtorita` fir-rikors tat-2 ta' Novembru, 2015 (b'adezjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet) hija biss wahda generika u ma wriet b'ebda mod li kien hemm xi xhieda jew parti minnha li ma kenitx verament tirrifletti s-sustanza ta' dak li kien intqal waqt id-depozizzjoni tax-xhieda. Ghalhekk l-Awtorita` b'ebda mod ma ssostanzjat b'mod konkret u specifiku dak li hija qeghda titlob.

Finalment il-Qorti sejra tindirizza wkoll xi punti ohra mqajma mill-Awtorita` u mill-partijiet l-ohra:

a. fil-qadi tal-funzjonijiet taghha l-Qorti ghandha d-dmir u l-obbligu li tevalwa l-inkartament kollu ta' kull kaz li jkollha quddiemha u wara tiddeciedi skont ic-cirkustanzi partikolari tieghu, irrispettivament mill-voluminozita`, mill-kumplessita` u mill-portata tal-kaz. Ghal dak li jolqot l-evalwazzjoni tax-xhieda prodotti, dment li, kif intqal, ir-regoli procedurali tal-Kap 12 ikunu gew rispettati mill-Qorti, hu min hu l-gudikant, il-fatt li kaz ikun aktar jew anqas voluminuz jew kumpless minn iehor ma jbiddilx *per se* l-bazi tal-evalwazzjoni tal-Qorti meta tigi biex tiddelibera l-gudizzju;

b. L-Awtorita` targumenta wkoll li m'ghandux ikun hemm ostaklu biex tintlaqa' t-talba taghha ghax skont hi sa issa huma ftit ix-xhieda li nstemghu. Il-konsorzju rikorrenti jirribatti li uhud mix-xhieda ddeponew fit-tul hafna u fuq diversi seduti. Il-Qorti tqis li, xehdux ftit jew xehdux hafna xhieda, u kemm hadu hin u seduti biex jixhdu, huwa rrilevanti ghall-punt ta' principju in dezamina. Dak li jghodd hu li s-sustanza tax-xhieda kollha mressqa hija kollha registrata u esibita in atti a dispozizzjoni tal-Qorti, u li meta jkun il-waqt, sejra tkun f'pozizzjoni li tiddeciedi a bazi ta' din ix-xhieda u tal-provi l-ohra kollha migjuba dwar il-punti ta' dritt u l-punti ta' fatt imqajma fil-kaz;

c. Tenut kont il-kwantita` ta' kawzi li bihom hu mghobbi kull gudikant, kif ukoll minhabba t-trapass taz-zmien li jvarja bejn kaz u iehor qabel jigi deciz, finalment kull gudikant jirrikorri ghal dak li jkun gie traskritt bil-miktub fix-xhieda sabiex jiddelibera u jiddeciedi l-kaz, u dan sew jekk ikun sema' x-xhieda direttament hu u sew jekk le. Jerga' jigi enfasizzat li sakemm ma jirrizultax xi nuqqas lampanti fit-tehid u fit-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija, li certament ma rrizultatx fil-kaz odjern, l-ezercizzju tal-Qrati se jibqa' dejjem l-istess, hu

min hu l-gudikant.

d. Fis-sottomissjonijiet intqal ukoll li tant din il-Qorti kif diversament preseduta hasset li kellha tisma' l-provi *viva voce* hi direttament, li sahansitra ordnat illi l-assistent gudizzjaru ma kellux ikompli bil-gbir tal-istess. Dana mhux preciz. L-*iter* ta' dawn il-proceduri juri li fl-stadju ta' *pre trial*, ukoll quddiem Qorti diversament preseduta, gie mahtur Dr. Kevin Camilleri Xuereb bhala Assistant Giudizzjarju bi skop principali izda mhux uniku li jigbor il-provi dokumentarji. Ma nghata QATT il-fakulta` li jisma` xi provi.[11]

e. Fis-seduta tal-10 ta' Novembru, 2011, il-Qorti diversament presjeduta ordnat lill-partijiet illi barra li jigu presentati xhieda tramite l-procedura tal-affidavit, kienet se tibda biex tisma' s-smiegh tal-provi *viva voce*. Kien ghalhekk li waqqfet l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju.[12]

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad ir-rikors tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. L-ispejjez ta' dan l-episodju jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Frederick Stagno Navarra**
**Deputat Registratur**

[11] A fol 667.
[12] A fol 769.